MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 210/2012

A B
vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta :

Illi l-konjugi zzewgu fid-19 ta’ Novembru, 1975;

Illi l-konjugi B sseparaw permezz ta’ kuntratt datat 30 ta’ Mejju, 2000 ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Nicholas Vella, kopja legali qed tigi hawn annessa;

Illi ai finijiet ta’ l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili jirrizulta skond l-istess kuntratt :

(a) li l-konjugi B ilhom legalment separati aktar minn erba' snin; u
(b) Illi ma jezisti l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin; u
(c) Illi, in oltre skond il-kuntratt ta' separazzjoni, l-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt ta' manteniment minghand xulxin u llum ukoll, it-tfal huma lkoll maggorenni;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja id-divorzju jew il-hall ta' zwieg bejn il-partijiet Borg, a tenur ta' l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet:

Illi l-esponenti rceviet ir-rikors fejn ir-rikorrenti talab l-otteniment tad-divorzju;

Illi l-esponenti ma ghandhiex ebda oggezzjoni sabiex dan id-divorzju jinghata;

Illi di piu l-esponenti taqbel illi ilha l-fuq minn erba` snin sseparata mir-ragel u dan kif inhu evidenzjat mill-kuntratt ta' separazzjoni;

Illi huwa minnu li ma jezistiex ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Ghaldaqstant l-esponenti tinforma lill-Onorabbli Qorti illi ma ghandhiex oggezzjoni li jinghata d-divorzju.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' April, 2012 u id-digriet taghha tal-15 ta' Mejju 2012;
Semghet lir-rikorrenti jixhed;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mit-30 ta’ Mejju tas-sena 2000;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi l-partijiet kienu irrinunzjaw ghall-manteniment minghand xulxin u illi uliedhom illum huma ilkoll maggorrenni;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------